# *Slapped Cheek Syndrome*

Is-*Slapped Cheek Syndrome* hija infezzjoni virali li hi l-iktar komuni fit-tfal, għalkemm tista' taffetwa lil kulħadd f'kull eta'. Normalment taffetwa tfal ta' bejn it-3 u l-15-il sena. Ħafna mill-każijiet jiżviluppaw matul ix-xhur tax-xitwa jew fil-bidu tar-rebbiegħa. L-iktar sintomu komuni tas-*slapped cheek syndrome* huwa d-dehra evidenti ta' raxx ħamrani fuq il-ħaddejn.

## X'jikkawża s-*Slapped Cheek Syndrome*?

Is-*Slapped Cheek Syndrome* huwa kkawżat minn *virus* li jissejjaħ *parvovirus B19*. Dan huwa vajrus li jittieħed mill-arja, bl-istess mod bħall-vajrus tar-riħ u l-influwenza. Dan il-virus jista' jittieħed mis-sogħla u mill-għatis li jħallu qtar żgħar ta' bżieq ikkontaminat bil-vajrus, li mbagħad jiġi meħud bin-nifs minn persuna oħra. Huwa diffiċli ħafna li wieħed iwaqqaf it-tixrid tal-vajrus għax in-nies ikunu l-iktar kontaġjuzi qabel ma s-sintomi ikunu jidhru. Għalhekk huma ma jkunux jafu li huma infettati. La darba tkun ġejt infettat b'dan il-vajrus, inti ġeneralment għandek tiżviluppa immunita' dejjiema, u m'għandekx terġax timrad b'dan il-vajrus.

## Perjodu ta' Inkubazzjoni

Varjabbli; 4-20 ġurnata sa ma jiżviluppa r-raxx.

## Sintomi

Is-sintomi tas-*Slapped Cheek Syndrome* jibdew fl-ewwel ftit ġimgħat wara li t-tifla/tifel tiegħek tkun/ikun espost/a għall-vajrus. Is-sintomi normalment isegwu dawn it-tliet stadji.



Photo: http://www.nhs.uk/tools/documents/visual_guides_v2/data/baby_rashes/images/slideshow_13.jpg
Raxx ħamrani fuq il-ħaddejn tipiku ta' 'Slapped Cheek syndrome'

### L-Ewwel Stadju

L-ewwel stadju huwa normalment kkaratterizzat minn sintomi simili ta' riħ ħafif, bħal: deni, uġigħ fil-griżmejn, uġigħ ta' ras, uġigħ fl-istonku, għejja, u ħakk. F'ħafna każi, dawn is-sintomi ma jinħassux jew tant ikunu ħfief li bil-kemm jinħassu.

Matul l-ewwel stadju ta' dawn is-sintomi, it-tifla/tifel tkun/ikun l-aktar kontaġġjuż.

### It-Tieni Stadju

Bejn it-tielet u s-seba' jum wara li s-sintomi jkunu bdew, it-tifla/tifel tiżviluppa/jiżviluppa dehra evidenti ta' raxx ħamrani fuq il-ħaddejn (magħrufa bħala *slapped cheeks*).

Health Promotion and Disease Prevention Directorate
Infectious Disease Prevention and Control Unit, 5B, The Emporium, C. De Brocktorff Str., Msida MSD 1421 Malta.
Tel: (+356) 2326 6145, Helpline 21 324 086, Email: disease.surveillance@gov.mt

### It-Tielet Stadju

It-tielet stadju ta’ sintomi normalment jibda mill-ewwel sar raba’ ġurnata wara li jkun deher ir-raxx tas-*slapped cheek*. Matul dan l-istadju, ir-raxx normalent jinfirex fuq is-sider, l-istonku, id-dirgħajn u l-koxox tat-tifla/tifel. Ir-raxx normalment jinħass imqabbeż u qisu bizzilla u jista’ jikkawża skumdita’ u ħakk. **Sa dan l-istadju it-tifla/tifel mhux suppost tibqa’/jibqa’ kontaġġjuz/a u tkun/jkun tista’/jista’ tirritorna/jirritorna l-iskola mingħajr ir-riskju li jgħaddi l-infezzjoni lil ħaddieħor.**



http://pediatric-house-calls.djmed.net/wp-content/uploads/2014/04/rash-fifth-disease-parvovirus-b19.jpg
Raxx b’dehra ta’ bizzilla, tipiku ta’ ‘Slapped Cheek syndrome’

### X’tip ta’ kura għandha/għandu bżonn it-tifla/tifel tiegħek?

Ħafna tfal mhux se jkollhom bżonn kura għax is-*slapped cheek syndrome* hija normalment kundizzjoni ħafifa ħafna li tgħaddi fi ftit ġranet. Kultant tista’ ddum sa erba’ jew ħames ġimgħat.

Sintomi bħal uġigħ ta’ ras, deni għoli, jew ħakk normalment jistgħu jiġu kkurati b’mediċini li jistgħu jinxtraw mingħajr ir-riċetta tat-tabib. Il-probabbilta’ hija li t-tabib tal-familja għandu jiġi kkuntattjat f’wieħed minn dawn il-każijiet jew it-tnejn li huma:

- It-temperatura tal-ġisem tat-tifla/tifel tiegħek togħla għal 39◦C jew iktar.
- Is-sintomi tat-tifla/tifel tiegħek imorru għall-agħar f’daqqa.

### Kif tilqa’ għas-*Slapped Cheek Syndrome*

Biex wieħed jilqa’ għat-tixrid tas-*Slapped Cheek Syndrome* inkoraġixxi lil kull individwu fid-dar jaħsel idejh spiss sabiex inaqqas iċ-ċans li l-infezzjoni tkompli tinfirex. Vaċċin kontra dan il-vajrus ma jeżistix.

### Nisa Tqal

F’każ ta’ mara tqila li ġiet esposta għall-persuna li qiegħda tbati minn *Slapped Cheek Syndrome* waqt l-istadju infettiv, huwa rrakomondat li din għandha tinforma lill-ġinekologu li ġiet esposta għal dan il-vajrus.

***Jekk tixtieq aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja t-Taqsima għall--Prevenzjoni u l-Kontrol ta' Mard Infettiv (Infectious Disease Prevention and Control Unit) fuq 23266109, 23266122, 23266119,23266111.***